# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
## Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Abdulaziz Abdikadir Hasan**

**Kumpilazzjoni 687/2024**

**Illum, 23 ta' Settembru 2024**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

Rat l-akkuza mahruga mill-Pulizija Ezekuttiva kontra:

**Abdulaziz Abdikadir Hasan** ta' disgha u erbghin (49) sena, iben Abdi Kadir Hasan, ta' nazzjonalita Somala, imwieled Mogadishu, nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija erbgha u sebghin (1974) minghajr residenza u detentur tal-Karta tal-Identita bin-numru 0065073A;

**Akkuzat f'isem ir-Repubblika ta' Malta talli:**

Ghal habta ta' bejn it-tmienja (20:00) u t-tmienja u nofs (20:30) ta' fil-ghaxija nhar l-1 ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgha u ghoxrin (2024) gewwa Spinola Park, San Giljan u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer Maltin;

1. Ikkommetta serq ta' basket, airpods u/jew oggetti ohra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-hin li sar bejn inzul u t-tlugh ix-xemx bil-valur u bil-valur liema valur tal-haga misruq jeccedi l-mitejn tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) u dan sar ghad-detriment ta' Milan Rai u/jew ta' xi persuna/I u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra.

U aktar talli:

Fl-ewwel ta' Settembru u x-xhur ta' qabel gewwa San Giljan u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer Maltin:

2. Ghex hajja ta ghazz u ta' vagabundagg.

Din l-Onorabbli Qorti giet mitluba gentilment sabiex f'kaz ta' htija, tikkundanna lill-imputat sabiex jirrestritwixxi lill-parti offiza kull haga minnu misruqa hekk kif kontemplat fl-artikoli 15A u 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din l-Onorabbli Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' Milan Rai billi tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat skont l-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din l-Onorabbli Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat u qieset il-provi u dokumenti kollha migjuba.

Rat l-ammissjoni tal-imputat registrata fis-seduta tal-lum stess;

Semghet lill-imputat jikkonferma l-htija tieghu fir-rigward tal-akkuzi fil-konfront tieghu fis-seduta tal-lum stess;

Tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu u wara li l-Qorti spjegatlu l-portata tal-akkużi, l-konsegwenzi ta' tali ammissjoni, il-piena erogabbli ghall-istess akkuzi, l-imputat reġa' ikkonferma l-ammissjoni tieghu ghall-akkużi migjuba kontra tieghu;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor:**

L-imputat allegatament ikkommetta serqa b'detriment ghal certu Milan Rai, kif ukoll mill-investigazzjoni tal-Pulizija, l-Pulizija tghid illi qed jghix barra fit-triq.

Konsegwentament inhargu l-akkuzi kif fuq imsemmija.

**Ikkunsidrat:**

Illi fis-seduta tal-lum, l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi fis-seduta tal-lum, l-imputat rega' afferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien ragonevoli jirrikonsidra il-posizzjoni tieghu u tali ammissjoni u affermazzjoni giet debitament registrata.

**Ikkunsidrat:**

Illi stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat.

**Ikkunsidrat:**

In konsiderazzjoni tal-piena illi ghandha tigi erogata, il-Qorti ikkunsidrat l-ammissjoni tal-imputat f'dan l-istadju bikri tal-proceduri, c-cirkostanzi tal-kaz u l-fedina penali tal-imputat.

U wara li rat l-Artikoli 15A, 28H, 261(c) u (f), 270, 267, 269, 279(a), 280(1), 338(w) u 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta issib lill-imputat **ABDULAZIZ ABDIKADIR HASAN HATI**, fuq l-ammissjoni

inkondizzjonata tieghu stess, tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tieghu u Tikkundannah ghal tnax (12)-il xahar  prigunerija effettivi.

Il-Qorti qeghda wkoll tohrog **Ordni ta' Trazzin** taht l-Artiklu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kontra l-hati Abdulaziz Abdikadir Hasan u favur il-vittma Milan Rai ghal zmien sentejn mil-lum, liema Ordni tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Stante li fuq domanda tal-Qorti, l-Prosekuzzjoni informat lill-Qorti li r-rifurtiva giet rekuperata, l-Qorti tqis illi ma ghandhiex tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-Prosekuzzjoni taht l-Artiklu 15A u l-Artiklu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante illi f'dawn il-proceduri ma nhatru l-ebda esperti, l-Qorti tqis illi m'ghandhiex tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-Prosekuzzjoni taht l-Artiklu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat lill-hati Abdulaziz Abdikadir Hasan fi kliem car l-Ordni ta' Trazzin, l-obbligi tieghu taht l-istess u l-konsegwenzi jekk hu ma jonorax l-istess.

Il-Qorti spjegat ukoll lill-hati Abdulaziz Abdikadir Hasan fi kliem car l-obbligi tieghu taht din is-sentenza u l-konsegwenzi jekk hu ma jonorax l-istess.

Il-hati Abdulaziz Abdikadir Hasan jiddikjara li fehem l-istess u l-konsegwenzi f'kaz illi huwa ma jonorax l-obbligi tieghu taht l-imsemmija Ordni ta' Trazzin u taht l-istess sentenza.

Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.
Magistrat

Annalise Mifsud
Deputat Registratur